

32000L0022

L 107/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.5.2000

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2000/22/KE**tat-28 ta' April 2000****li tadatta għal progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 87/402/KEE dwar strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib, li jitwāhllu quddiem is-sedil tas-sewwieq ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija, b'karreġjata dejqa****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE tal-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/2/KE ⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 87/402/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 dwar strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib, li jitwāhllu quddiem is-sedil tas-sewwieq ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija, b'karreġjata dejqa ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikulari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

- (1) Biex sabiex tittejjeb is-sigurtà, huwa meħtieġ li jiġu kjarifikati l-metodi għall-ittestjar ta' strutturi ta' protezzjoni, li jitwāhllu quddiem is-sedil tas-sewwieq ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija, b'karreġjata dejqa, billi jingħata kont ta' firxa wiesja ta' tagħmir.
- (2) Il-metodi wżati biex jiġu ittestjati dawn l-istrutturi għandhom ikunu konformi ma' daww stabbiliti fil-Kodiċi 6 tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) dwar testijiet uffiċjali fuq strutturi ta' protezzjoni għal tratturi ta' l-agrikoltura.
- (3) Id-Direttiva 87/402/KEE għandha tkun emendata kif ġej.
- (4) Il-miżuri li għalihom tipprowdi din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattament għall-Progress Tekniku stabbilit skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva 74/150/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I sa V u VII li jinsabu mad-Direttiva 87/402/KEE huma b'dan hekk emendati skond l-Anness li jinsab ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. Mill-1 ta' Lulju 2001, l-Istati Membri m'għandhomx:

- jirrifjutaw, għal tip ta' trattur, milli jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew joħorġu d-dokument stabbilit fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE, jew milli jagħtu

l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew

- jipprojbixxu l-ewwel dħul fis-servizz ta' tratturi,

jekk daww it-tratturi jkunu jikkonformaw mal-kriterji tad-Direttiva 87/402/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. Mill-1 ta' Jannar 2002, l-Istati Membri:

- m'għandhomx joħorġu aktar id-dokument li għalih jipprovdi t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE għal tip ta' trattur jekk dan ma jkunx jikkonforma mal-kriterji tad-Direttiva 87/402/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva,
- jistgħu jirrifjutaw milli jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip partikulari ta' trattur, jekk dan ma jkunx jikkonforma mal-kriterji tad-Direttiva 87/402/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regoli u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2001. Għandhom minnufih javżaw b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw daww id-disposizzjonijiet, irid ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-disposizzjoniet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidholl fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' April 2000.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 21, tas-26.1.2000, p. 23.

⁽³⁾ ĠU L 220, tat-8.8.1987, p. 1.

ANNESS

L-Annessi I sa V u VII tad-Direttiva 87/402/KEE huma b'dan emendati kif ġej:

1. Fl-Anness I il-punt 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“1. Il-ħtiġiet tal-punt 1 tal-Kodiċi 6 ta' l-OECD (Deċiżjoni C(87) 53 finali tal-24 ta' Novembru 1987, kif l-aħħar emendata fit-3 ta' Marzu 1999), bl-eċċezzjoni tal-punt 1.1 għandhom jiġu applikati.”

2. L-Anness II huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS II

ĦTIĠIET TEKNIĊI

Il-ħtiġiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE għal strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib li jitwawhlu quddiem is-sedil tas-sewwieq ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija, b'karreġjata dejqa, għandhom ikunu daww stabbiliti fil-punt 3 tal-Kodiċi 6 ta' l-OECD (Deċiżjoni C(87) 53 finali ta' l-24 ta' Novembru 1987, kif l-aħħar emendata fit-3 ta' Marzu 1999). Dawn il-ħtiġiet tekniċi m'għandhomx japplikaw għall-kapitoli tal-punt 3 li jirrelataw mal-bullettin tat-test, modifikazzjonijiet u identifikazzjonijiet żgħar.”

3. L-Annessi III, IV u V huma mħassra.

4. Fl-Anness VII, l-ewwel inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

“— rettangolu li jdawwar l-ittra żgħira 'e', segwit bin-numru distintiv ta' l-Istat Membru li jkun ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent:

1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Olanda, 5 għall-Isvezja, 6 għall-Belġju, 9 għal Spanja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għall-Lussemburgu, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 21 għall-Portugall, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda.”.